MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 401/2005

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance surrogati fid-drittijiet ta' Joseph Gatt u l-istess Joseph Gatt**

**vs**

**Denzel Scerri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Frar 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm207.22) rapprezentanti danni kagunati f'incident stradali li sehh fl-4 ta' Frar 2004 f'Santa Venera bejn il-vettura bin-numru FAD937 misjuqa mill-konvenut u dik bin-numru BAF559 propjeta' ta' l-attur Joseph Gatt liema incident sehh bi htija tal-konvenut.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghax kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn gie eccepit is-segwenti:
Li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-isejjez billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort u htija tal-konvenut izda gara unikament tort ta' Claudine Gatt is-sewwieqa tal-vettura numru BAF559 assikurata mas-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi

Sema' x-xhieda ta' PS125 Malcolm Mifsud, ta' Claudine Gatt, tal-konvenut u ta' Nathan Mifsud. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Frar 2004, fi Triq il-Lunzjata, Santa Venera bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAF 559 misjuqa minn Claudine Gatt u propjeta' tal-attur Joseph Gatt u assikurata taht polza tat-tip *comprehensiv*e mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAD937 misjuqa mill-konvenut.

Claudine Gatt xehdet li dakinhar ta' l-incident hija kienet qed issuq il-vettura taghha fi Triq il-Lunzjata Santa Venera, liema triq hija *one way*. Hija kienet qed issuq fid-direzzjoni t-tajba u fuq il-lemin taghha kien hemm vetturi parkeggjati. Hija tghid li f'daqqa wahda hareg vann b'lura minn garaxx man-naha tal-lemin taghha, dan il-vann kellu t-travi stivati fuq wara sporguti l-barra u minghajr caruta sabiex tindika l-prezenza taghhom; dawn it-travi kienu livell mas-saqaf tal-vann. Dan il-vann laqatha man-naha tal-lemin kollu tal-vettura taghha. Hija tghid li ma setghetx tara l-vettura tal-konvenut qabel l-impatt minhabba l-vetturi pparkeggjati. Gatt tispjega li meta hija nizlet mill-

vettura taghha l-konvenut beda jargumenta maghha u qalilha li jekk hija ggib il-Pulizija kien ser ighidilhom li hija kellha l-mobile f'idejha. Meta fil-fatt gew il-Pulizija, tkompli tghid Gatt, il-konvenut qalilhom li immedjatament qabel l-impatt Gatt kellha tazza f'ideja u kienet qed tixrob minna. Gatt tichad kategorikament li hija kellha mobile f'ideja jew li kienet qed tixrob minn xi tazza fil-mument ta' l-impatt.

Il-konvenut xehed illi dakinhar ta' l-incident kien qed isuq il-vann tieghu fi Triq il-Lunzjata, kien gej mid-dar, kellu xi travi fil-vann u kien sejjer jghabbi l-ghodda mill-garaxx fi Triq il-Lunzjata mbaghad jibqa' sejjer ghax-xoghol. Huwa kellu bhala passiggier mieghu lil Nathan Mifsud. Huwa kien qed jipprocedi fi Triq il-Lunzjata, ried jidhol fil-kumpless ta' garaxxijiet b'entratura komuni li kienu man-naha tal-lemin tieghu, xeghel l-indicator, dahal fl-entratura komuni u hu u jikser biex jidhol giet il-vettura ta' Claudine Gatt minn warajh u laqtet it-travi. Il-konvenut isostni li meta Claudine Gatt harget mill-vettura taghha huwa seta' jara li kellha tazza f'idejha. Dejjem skond il-konvenut, wara l-incident Gatt sostniet li huwa kien hiereg mill-garaxx, mhux diehel kif fil-fatt gara. Huwa jghid ukoll li t-travi kienu mizbughin bil-kulur ahmar u kienu ben vizibli. In kontroezami huwa qal li t-travi kienu sporguti zewg piedi l-barra mill-vann.

It-tribunal kellu l-opportunita' li jisma' liz-zewg sewwieqa nvoluti f'dan l-incident jixhdu quddiemu viva voce u huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija mis-sewwieqa awtorizzata mill-attur hija ferm aktar verosimili u li fil-fatt il-konvenut kien hiereg mill-garaxx bir-*reverse* u ma kienx qed jimmanuvra biex jidhol kif jallega hu. Dan jinghad ukoll minhabba l-inkonsistenzi riskontrati bejn ix-xhieda tal-konvenut u dik tal-passiggier li kellu mieghu u cioe Nathan Mifsud.

Mill-provi jirrizulta inekwivokabbilment li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut stante li huwa naqas illi izomm *a proper lookout* qabel ma irriversja u hareg lura mill-kumpless ta' garaxxijiet biex b'hekk imblokka l-karreggjata libera ta' Claudine Gatt li kienet qed tipprocedi ghall-affari taghha fi Triq il-Lunzjata. Anke

jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument, wiehed kellu jaccetta il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut xorta wahda huwa kien jitqies li kien responsabbli ghall-incident ghaliex huwa kien ikun qed jimblokka il-karreggjata libera ta’ Gatt waqt li qed jimmanuvra biex jidhol fil-kumpless ta’ garaxxijiet.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi ma giex kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi pproducew l-ircevuti kollha relattivi in sostenn tat-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u seba’ liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm207.22) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------